MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Numru. 21/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Farrugia, ta' 30 sena, bin Silvestru u Maria nee' Galea, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar 22/03/1977, residenti fil-fond numru Sweet Lord, Triq Marsilja, Sannat, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 9077(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Farrugia li gie akkuzat talli nhar nhar id-9 ta' Jannar, 2008, u snin ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer;

a) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument jahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel jew wahhal pjanci tar-registrazzjoni IAV859 fuq il-vettura tal-ghamla Ford mudell Transit bin-numru tac-chassis BD05PG4554, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni IAV859 fuq il-vettura tal-ghamla Ford mudell Transit, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap.9, tal-Ligijiet ta' Malta;

c) fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bidel irranga mill-gdid jew hassar marka tar-registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew b'xi mod baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura ohra bil-mutur, ai termini tar-Regolamenti 51(4) (A.L. 476/2004) tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U fl-ahhar nett talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel uzu minn marka tar-registrazzjoni IAV 859 xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), dwar xi vettura bil-mutur partikolari, ai termini tar-Regolamenti 51 (5) (A.L. 476/2004) u 15(1A) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali tal-31 ta' Dicembru 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat illum ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess;

Illi ghar-rigward tat-tielet (3) kkuza u cioe' l-akkuza ikkontemplata fir-Reg. 51(4) tal-Avviz Legali 476/2004

dina ma tirrizultax ippruvata u kwindi l-Qorti ser tilliberah mill-istess akkuza;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li m'hijiex wahda allarmanti;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 188, 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 51(5) u 51(6) tal-Avviz Legali 476 tal-2004 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tilliberah mit-tielet (3) akkuza billi din ma tirrizultax ippruvata, izda fid-dawl tal-kunsidrazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f'dan iz-zmien ta' liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------